# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 85, miżmumha nhar 12 ta’ Settembru 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| • Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mauro Miceli | Swieqi LC | Membru |
| • Keith Cassar | Mosta LC | Membru |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |

- Membri Skużati:

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri ta appoloġiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Rapporti
5. Korrispondenza;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Hwejjeġ oħra:
8. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza.

## 1. Qar ta’ Appologiji

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 82 ittiehdu bhala moqrija. Charles Azzopardi ippropona li jkun approvati, Giljan Aquilina issekonda l-mozjoni. Il-membri qablu unanimanet.

Il-Minuti tal-laqgħa numru 84 ittiehdu bhala moqrija. …. ippropona li jkun approvati, …. issekonda l-mozjoni. Il-membri qablu unanimanet.

## 4. Komunikazzjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud aggorna lill-membri fuq il-laqgha mas-sindki Olandizi fis-sitta ta’



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Ottubru. Is-segretarju Eżekutiv kien f’kuntatt ma’ l-ambaxxatur Olandiz. Iktar informazjoni tingħata kif tidħol.

Fuq il-materja tal-Vici President, is-Sur Mifsud qal li ma kienitx dahlet l-ebda nomina. Saqsa jekk kien hemm xi persona interessata. Pawl Vella qal li hu kien lest iservi ta’ Vici President. Il-president saqsa jekk kienx hemm xi hadd iehor interessat. Hadd ma wera ix-xewqa, għalhekk, is-Sur Keith Cassar ippropona li Paul Vella jinħatar Vici-president. Charles Azzopardi issekonda il-mozjoni. Il-membri qablu unaniment mal-mozjoni u awguraw lis-sur Paul Vella.

## 5. Rapporti

Is-segretarju Eżekutiv qal lill-membri li r-rapport ta l-inginier rigward it-tender tad-dawl kien lest. Imiss issa li l-evaluation board jiltaqa’ u jiddiskuti r-rapport u t-tender. Dean Hili talab li jara r-rapport. Is-segretarju eżekuttiv spjega li r-rapport mhuwiex pubbliku, u dan għandhom biss jarawh il-membri tal-bord tal evalwazjoni. Il-president Anton Mifsud saqsa lil Dean Hili jekk irridx ikun parti mill-bord ta l-evalwazjoni, sabiex ikun jista jara ir-rapport. L-avukat Hili accetta, kif ukoll accetta is-sur Keith Cassar, b’hekk il-bord huwa maghmul minn dawn il-membri:

Anton Mifsud bhala il-president.
George Abdilla bhala is-segretarju tal-Bord
Membri: Emvin Bartolo, Graziella Galea, Paul Vella, Sandro Azzopardi, Dean Hili u Keith Cassar. Minhabba il-qagħdaa tal-bord, 2 mill-membri sservu bhala membri sostituti.

## Korrispondenza

Tarmac Funds: It-tarmac fund kien approvat. Is-segretarju spjega li kien tkellem mad-direttur minħabba l-fatt li data ta’ Novembru ma kinietx fattibli minħabba l-problema. Din id-data fil-fatt kienet ser tiġi estiza. Il-Kunsilli tal-Mosta, Rabat u Mgarr huma interessati li joħorgu Tender għat-tarmac flimkien. Is-segretarju eżekutiv ser jaħdem fuq din il-materja kif ikollu iktar informazjoni min naħa tad-dipartiment..

Ittra legali ta’ Toad – Il-kumpanija Toad bagħtu ittra legali fejn talbu li jitħalsu tax-xhur li huma twaqfu mill-kuntratt ta’ AO. Il-President Mifsud spjega li l-kuntratt twaqqaf mill-Gvern, ossija r-Regjun twaqqaf fuq struzjonijiet tal-Gvern. Talab li l-avukat tar-reġjun jirrispondi lil Toad fuq l-istess linja li kienu ga imwieġba. L-ittra għandha wkoll tingħbat lid-DLG kif ukoll lill-Ministru Owen Bonnici.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 84. Il-Perit Graziella Galea ipproponit, u Emvin Bartolo issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

**Affarijiet ohra**

Valletta 2018

Marcon Caruana spjegat lill-membri li f-Novembru ser tittella konferenza għall-Kunsilli. Kull kunsill jista’ jippartecipa, il-hlas huwa ta’ ħamsin ewro kull persuna, u taqt redikont ta’ l-attivitajiet tal V18 fit- Tramuntana.

**Aġġornament.**

Il-Laqgħa ntemmet fl-sebgħa u nofs ta’ filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-18 ta’ Ottubru 2017, fis 19.30 hrs. .

Anton Mifsud
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum ...12 ta’ Settembru 2017